# Beati u Qaddisin....Ottubru

**SAN GWANN TA' CAPESTRANO**
**23 TA' OTTUBRU:**
**1386 – 1456**




**Il-familija ta'** San Gwann kienet wahda prominenti gewwa Capestrano. Huwa twieled fis-sena 1836 u meta kien ghadu tifel safa orfni minn missieru. Kienet ommu li rabbietu wahedha f'ghozza nisranija. Studja l-ligi u wara li ha l-lawrea ta' avukat beda' l-karriera tieghu mal-Gvern.

Kien ghad kellu biss 26 sena meta gie mahtur gvernatur ta' Perugja ghall-hiliet tieghu u fl-istess hin ghal l-onesta' tieghu.

Meta fis-sena 1416 qamet gwerra bejn Perugia u Maltatesta, il-qaddis ghazel li jkun medjatur ghall-paci, izda Malatesta tefghu il-habs. Iz-zmien li huwa

ghadda fil-habs gaghlu jidhol fih innifsu biex jaghraf li la l-unuri u anqas is-setgha u l-gid tad-dinja ma kienu ta' ebda valur quddiem Alla. Ghalhekk meta gie moghti l-helsien dahal mal-Patrijiet Frangiskani u ordna sacerdot fis-sena 1425.

Thabbeb ma' San Bernardinu minn Siena li kien ukoll patri frangiskan u bhalu sar predikatur kbir u beda' jghallem u jxerred id-devozzjoni lejn l-Isem Imqaddes ta' Gesu'. Gera' ma' l-Ewropa kollha jsahhah lill-popli fil-fidi nisranija.

Hadem hafna kontra l-eretici u rnexxilu jgib lura hafna minnhom lejn il-Knisja Kattolika. Erba' Papiet baghtuh bhala Legat taghom fil-Palestina, fil-Polonja u fi Franza, fejn hemm iltaqa'ma' Santa Kolette u heggigha biex tkompli tirriforma l-ordni tas-sorijiet tal-Klarissi.

Jibqa' jissemma ghall-hidma tieghu wara li Kostantinopli waqghet f'idejn il-Musulmani. Imheggeg mill-Papa Kallistu II huwa organizza Krucjata biex iwaqqaf l-avvanz ta' l-armata musulmana taht Mohammed II. Huwa stess ha sehem fiha u ghamel standard bl-Isem ta' Gesu' miktub fuqu.

Kien ta’ kuraġġ kbir u għen ħafna biex l-Insara jirbħu l-battalja ta’ Belgrad, fl-1456.

Tlett xhur wara din il-grajja huwa miet gewwa l-Awstrija fit- 23 ta’ Ottubru 1456 fl-eta’ ta’ sebghin sena u gie mahtur qaddis fis-sena 1724. Huwa awtur ta’ bosta kitbiet kontra l-ereziji ta’ zmienu u huwa wkoll patrun tal-kappillani militari u ta’ dawk li jahdmu fil-ligi.